TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 64

Kaz Nru. 76

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Joseph Brincat
u
il-Management tad-Dewdrops
Night Club, Paceville, u tal-
Coffee Pot, Sliema.

Data : 6 ta' Marzu, 1980.

Chairman : C.J. Mallia.

Fis-26 ta' Novembru, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura, u Ghajnuna Socjali irriferiet lil dan it-Tribunal it-talba, datata 22 ta' Ottubru, 1979, tas-Sur Joseph Brincat, biex it-tkeccija tieghu mid-Dewdrops Night Club u mill-Coffee Pot titressaq quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan sar taht l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Is-Sur Brincat kien impjegat bhala Barman fiz-zewg stabbilimenti imsemmija.

2. Il-partijit. Is-Sur Joseph Brincat kellhu l-assistenza tas-Sur A.J. Tabone, Konsulent Industrijali, Ghad-Dewdrops Night Club u ghall-Coffee Pot flimkien dehru is-Sinjuri Albert Galdes u Francis Sciberras, partners fiz-zewg azjendi.

3. Seduti u xhieda. Il-kaz instemgha fi tlett seduti. Taw ix-xhieda taghhom, fuq talba ta' l-applikant, is-Sinjuri Emanuel Falzon, ex-Barman fid-Dewdrops imkecci wkoll, u s-Sur Albert Galdes, wiehed mill-partners ta' dawn in-negozji. Is-Sur Joseph Brincat, l-applikant stess, gie mtella' jixhed mill-Konsulent tieghu, is-Sur Tabone.

4. Il-kaz. Is-Sur Joseph Brincat kien gie impjegat bhala Barman full time l-ewwel fid-Dewdrops Night Club fl-1 ta' Lulju, 1977. Aktar tard, fl-1 ta' Ottubru, 1978, l-istess Management impjegah ukoll bhala Barman part-time f'post iehor taghhom tas-Sliema, maghruf bhala The Coffee Pot. L-impiegi kienu ghal zmien indefinit, u dwar 'probation' ma kien hemm xejn specifiku u ghalhekk kienet tghodd dik li tistipula l-ligi li tirregola l-impieg. Fit-2 ta' Jannar, 1979, id-Dewdrops Night Club gie maghluq fuq ordni tal-Pulizija, u l-impieg tas-Sur Brincat hemmhekk waqaf. Ftit wara, cioe' fl-1 ta' Frar, 1979, l-impieg ta' Mr. Brincat bhala Barman fil-Coffee Pot gie mibdul f'full time. Meta d-Dewdrops rega' fetah b'hinijiet inqas (8p.m. sa nofs il-lejl), is-Sur Brincat rega' gie ngaggat hemm fil-5 ta' Mejju, 1979, fuq bazi part-time. Fit-12 ta' Lulju, 1979, is-Sur Brincat gie mkecci, huwa jghid miz-zewg impiegi, l-Management isostni mid-Dewdrops biss. Hawn ta' min isemmi li t-Tribunal ghandu quddiemu foto-kopji ta' zewg certifikati ta' temm ta' mpieg, it-tnejn bid-data 13 ta' Lulju, 1979. L-ewwel certifikat, iffirmat mis-Sur Sciberras, jghid illi s-Sur Brincat spicca mix-xoghol fid-Dewdrops ghar-raguni "Mishandling of Duties", raguni li, fil-waqt li ma tfisser specifikatament xejn, tista' tfisser kollox. It-tieni certifikat, iffirmat mis-Sur Galdes, jghid li s-Sur Brincat spicca mill-Coffee Pot ghar-raguni li huwa "Refused to report for work." Fuq din ir-raguni, iz-zewg partijiet, waqt is-smiegh tal-kaz, elaboraw il-versjoni taghhom rispettiva u differenti. Dwar

it-tkeccija mid-Dewdrops, il-Management spjega li huwa ghamel kontrolli wara lmenti li sarulu minn klijenti, u minn dawn il-kontrolli qal li rrizultalhu li Mr. Brincat kien qieghed jaghti "short measure" fil-grokkijiet u ghalhekk keccewh.

5. Eccezzjoni. Is-Sinjuri Galdes u Sciberras qajjmu l-eccezzjoni preliminari li, billi s-Sur Brincat kien rega' gie mpjegat mill-gdid, u b'kundizzjonijiet godda, fid-Dewdrops Night Club, fil-5 ta' Mejju, 1979, allura fit-12 ta' Lulju, 1979, meta tkecca, huwa kien ghadu 'on probation' skond il-ligi u huma m'humiex marbutin li jiggustifikaw dik it-tkeccija. It-Tribunal ra l-artikolu 25 ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg, u l-aktar is-sub-artikolu 25 (2) ta' dak l-Att, li jghid li kull impjegat li jkun rega' gie hekk impjegat ghandu jitqies li kompla fl-impieg tieghu, minkejja it-temm ta' mpieg li jkun sar fuq redundancy. Ghalhekk, b'digriet tat-12 ta' Frar, 1980, it-Tribunal iddecieda li s-Sur Joseph Brincat ma kienx 'on probation' mad-Dewdrops meta huwa tkecca fit-12 ta' Lulju, 1979.

6. Fatti, Optik, Fiducja, u Tests. Fuq dawn il-punti, il-fehmiet tat-Tribunal huma identici ma dawk li esprima fil-paragrafi 6, 7, 8 u 9 tad-Decizjoni tieghu Nru. 63 li ggib l-istess data tal-lum, dwar il-kaz simili tat-tkeccija tas-Sur Emanuel Falzon mill-impieg ta' Barman fid-Dewdrops Night Club.

7. Twissijiet u xi aspetti ohra. It-Tribunal ma setghax jonqos li jinnota s-serjeta' li biha l-Management ta' dawn iz-zewg stabbilimenti ttratta dawn iz-zewg kazi ta' tkeccija waqt is-seduti li nzammu fuqhom. Ghalhekk it-Tribunal, li dejjem iqies kif jixraq il-fehmiet taz-zewg nahat, irid jaghti twegibiet ghal xi punti li ghamel il-Management.

(a) Huwa naturali li jkun hemm simpatija kbira ma' Management li jhoss li l-klijenti qed jigu ngannati u moqdijin hazin u r-reputazzjoni tan-negozju qed tigi ipperikolata. Izda dan, skond il-grad ta' ngann u jekk hemmx provi certi, mhux bilfors ihalli bhala unika soluzzjoni t-tkeccija mmedjata, Hemm pieni ohra, bhal multi, eccetra, specjalment jekk ikun hemm xi forma ta' regoli ta' dixxiplina, kif xieraq li jkun hemm.

(b) Qal ukoll il-Management: "Kellna jew ma kellniex dritt bhala sidien nitolbu sodisfazzjon ghal dak li kien irrizulta?" It-twegiba ma tistax tkun hlief "Iva." Imma minnhu fih tqum il-kwistjoni ta' kif irrizulta. It-Tribunal ga qal, fid-Decizjoni l-ohra Nru. 63 dwar Mr. Emanuel Falzon li t-tests ma kienux "fool-proof." Allura donnhu aktar kien il-kaz li l-Barmen jissejhu,turihom x'kien deher li rrizulta u x'ilmenti kien hemm, tisma xi spjegi setghu jaghtu, jinbidlu l-optiks, u meta jidhirlu l-Management jergghu jsiru tests ohra taht kontroll strett u gheluq anke bil-lejl, u wiehed jara x'johrog.

(c) It-Tribunal innota li l-Management wera apprezzament tal-htiega ta' twissijiet qabel tkeccija f'kazi xierqa. Fejn il-veduti tat-Tribunal u tal-Management mhumiex identici huwa dwar jekk dawn iz-zewg kazi humiex specjali talment li ma jitolbux twissijiet. It-Tribunal ma jidhirlux li f'dawn iz-zewg kazi kien hemm din l-ispecjalita'. Huwa veru li spiss, fi ftehim kollettiv,ikun hemm stipulati offizi dixxiplinarji li jimmeritaw tkeccija minghajr twissijiet. Izda f'dawn il-kazi la intwera li

jezisti ftehim kollettiv u anqas li dawn il-kazi kienu minn dik il-klassi.

(d) It-Tribunal japprezza wkoll, u hafna, l-isforzi enormi li l-Management kellhu jaghmel fid-Dewdrops Night Club biex jerga jiehu r-ruh wara dik li hu sejjah daqqa kwazi mortali. Izda ghandu jkun car ghal kulhadd li dan it-Tribunal twaqqaf primarjament biex jipprotegi l-impieg tal-haddiem (ara l-artikolu 28 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976), li huwa sagru u jrid jigi milqugh anke taht cirkostanzi difficli bhal dawk li ghadda minnhom id-Dewdrops Night Club.

8. Dwar "The Coffee Pot". Dwar jekk Mr. Brincat tkecciex mill-Coffee Pot ukoll jew telaqx hu, il-partijiet ghazlu li jsostnu versjoni opposta. Id-difiza tas-Sur Brincat qalet car li t-Tribunal irid jizen fejn aktarx hi l-verita'. Meta l-fiducja fil-persuna ntilfet, aktarx li min ihaddem la riedha banda u anqas ohra. Hemm ukoll il-fattur tal-'pride' tal-Barman, li, mkecci minn negozju wiehed, ma jiehux gost ikompli f'iehor ta' l-istess sidien. Barra minn hekk, l-ghada filghodu tat-tkeccija minn Night Club, is-Sur Brincat ma tfaccax ghax-xoghol fil-Coffee Pot, imma mar il-Labour Office jirraporta tkeccija miz-zewg postijiet. Dan kollhu jikkostitwixxi daqqa fuq il-bettija u daqqa fuq ic-cirku, u ghalhekk, billi t-Tribunal mhuwiex mghoni bil-gherf ta' Salamun, huwa ma ghandux ghazla hlief li jghid li r-risponsabbilta' ghat-tkeccija mill-Coffee Pot (fejn l-ahhar li kien Mr. Brincat kien Barman full time) hija 50/50 tal-Management u tal-impjegat.

9. Konkluzjonijiet. Fid-dawl ta' dak kollhu li ntqal, u wara li semgha s-sottomissjonijiet tal-partijiet u d-deposizzjonijiet tax-xhieda, it-Tribunal jasal f'dawn il-konkluzzjonijiet:

(1) It-tkeccija tas-Sur Joseph Brincat, mill-impieg tieghu bhala part-time Barman mad-Dewdrops Night Club, fit-12 ta' Lulju, 1979, ma kienetx gustifikata.

(2) It-temm ta' l-impieg tas-Sur Joseph Brincat bhala full-time Barman fil-Coffee Pot, fit-12 ta' Lulju, 1979, kien konsegwenza tat-tkeccija tieghu mid-Dewdrops Night Club, u ghal din il-konsegwenza r-risponsabbilta' titqassam ugwali fuq l-impjegat u fuq il-Management.

10. AWARD. Ghalhekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol billi jordna skond ma gej:

(a) Ic-certifikat ta' temm ta' impieg mid-Dewdrops Night Club biss, igifieri dak iffirmat mis-Sur Francis Sciberras fit-13 ta' Lulju, 1979, u moghti lid-Dipartiment tax-Xoghol, jigi mhassar mir-records ta' dak id-Dipartiment.

(b) Jekk, dwar id-Dewdrops u s-Sur Brincat, jezisti xi certifikat iehor bi kliem avvers, dan ukoll jigi mhassar minn kull fejn jezisti, u, jekk is-Sur Brincat jixtieq, huwa ghandu jinghata certifikat iehor newtrali (dati ta' xoghol biss) fi zmien 10 tijiem mid-data li tasal ghand il-Management it-talba tieghu miktuba bil-posta registrata.

(c) Bhala kumpens ghat-tkeccija, il-Management ghandu, mhux aktar tard mill-21 ta' Marzu, 1980, ihallas lis-Sur Joseph Brincat is-somma ta' £M67 (seba'

u sittin lira maltin) fir-rispett tad-Dewdrops u ta' £M50 (hamsin lira maltin) fir-rispett tal-Coffee Pot, b'kollox £M117 (mija u sbatax il-lira maltin).

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

6 ta' Marzu, 1980.

em